






# Awtoritá tad-Djar

***Rapport tas-sena 2004 - 2005***
***Estimi ghas-sena 2005 - 2006***

# Werrej


2 *Ir-Rapport taċ-Chairperson*

4 *Il-Ħidma*

5 *L-Uffiċċju taċ-Chairperson*

8 *L-Uffiċċju tal-General Manager*

9 *Sezzjonijiet ta' l-Awtorità tad-Djar*

13 *Policies Ġodda*

17 *Għajnuna lill-NGOs*

17 *Inizjattivi Oħra*

19 *Programm ta' Bini*

21 *Financial Statements*

35 *Estimi għas-Sena 2005 - 2006*

# Rapport taċ-Chairperson



Mission Statement:

***"Djar xierqa jsaħħu l-komunitajiet u jipprovdu ambjent aħjar fejn inrabbu t-tfal tagħna."***

Bi pjaċir qiegħda, għal darb'oħra, nippreżenta r-rapport ta' ħidma ta' l-Awtorità tad-Djar għas-sena 2004/2005. Kif juri sewwa dan ir-rapport, din is-sena kienet waħda impenjattiva fejn l-Awtorità nehdiet diversi inizjattivi li bihom qiegħda tagħti dejjem aktar għajnuna lil min hu l-aktar vulnerabbli.

Wara proġett pilota ta' *Shared Ownership* fuq blokk ta' 9 appartamenti f'Ħal Qormi, l-Awtorità tad-Djar, għall-ewwel darba ppubblikat ħarġa li kienet tinkorpora fiha 132 appartament għall-bejgħ b'*shared ownership*. Dan iffiser li l-benefiċjarji ingħataw l-opportunità li jixtru terż jew żewġ terzi tal-proprjetà bi prezz issussidjat. Permezz ta' din l-inizjattiva l-benefiċjarji ser jixtru l-porzjon tal-proprjetà skond kemm jifilħu jħallsu.

Din is-sena rajna ukoll l-installar ta' 14-il lift ġewwa blokki qodma tal-Gvern li jinsabu l-Birgu, Furjana, Gżira, Mellieħa, Pietà, Paceville, Tarxien, Ta' Xbiex u Valletta. Huwa stmat li madwar 100 appartment oħra tal-Gvern saru aċċessibbli għall-persuni b'diżabilità. S'issa l-Awtorità tad-Djar nefqet 'il fuq minn miljun liri Maltin f'installazzjoni ta' liftijiet ġewwa blokki antiki tal-Gvern. Il-programm ta' bini għal din is-sena tkompla b'ritmu mgħaġġel b'nefqa ta' Lm 3,306,152. Għas-sena d-dieħla huwa stmat li ser ikollna nefqa ta' kważi Lm 5.5 miljun li jinkludi wkoll l-installazzjoni ta' 12 il-lift ieħor ġewwa blokki antiki tal-Gvern.

F'Lulju li għadda ġie allokat l-ewwel blokk ta' 8 appartamenti maghrufa bħala *Category 1 Sheltered Housing* ġewwa l-qalba tal-Furjana. Dawn l-appartamenti tlestew minn kollox inkluż ix-*shower* u l-lift. Dan il-proġett sewa lill-Awtorità tad-Djar Lm 118,000 u peress li ntlaqa' tajjeb mal-applikanti anzjani, l-Awtorità tad-Djar iddeċidiet li tibni blokki oħra ta' dan it-tip ġewwa l-Furjana u l-Belt Valletta. Oltre dan, hu maħsub li fi proġetti kbar li tibni l-Awtorità, ser tiġi inkorporata entratura li sservi bħala *Sheltered Housing* għall-anzjani biex b'hekk dawn jibqgħu jgħixu fil-komunità.

Din is-sena rajna t-tlestija tat-tielet fażi ġewwa l-Imsida fejn bini antik ġie mwaqqa' u floku ġew mibnija żewġ blokki li jikkonsistu f'61 appartament. Dawn iż-żewġ blokki swew lill-Awtorità 1.3 miljun liri Maltin. Waqt li 23 appartament ġew allokati lill-*evictees*, skond deċiżjoni li ħa l-Bord ta' l-Awtorità din is-sena, il-bqija ta' l-appartamenti ser jiġu mgħoddija lid-Dipartiment ta' l-Akkomodazzjoni Soċjali sabiex jitqassmu bil-kera.

Sar miljorament fl-iskema tas-sussidju fuq il-kera tal-privat fejn kull kategorija ta' sussidju ġiet miżjuda b'Lm 100 fis-sena. Apparti dan ser tingħata ukoll Lm 50 addizzjonali lill-persuni b'diżabilità u lill-familji b'aktar minn ħames membri. Huwa previst li b'din l-emenda l-Awtorità tad-Djar ser tgħin aktar lill-familji fil-bżonn. Il-ħidma fuq l-inizjattiva tal-*Care & Repair* kompliet, fejn din is-sena rajna jitlestew xogħlijiet ta' rranġar f'diversi postijiet *sub-standard*. Din is-sena l-Awtorità kellha nefqa ta' Lm 803,207 f'sussidji. Barra minn hekk ħallset l-ammont ta' Lm 387,608 bħala għajnuna lil sidien ta' l-ewwel residenza.

Fis-snin li ġejjin l-Awtorità tad-Djar qiegħda tniedi tliet inizjattivi biex tkabbar l-ammont ta' residenzi affordabbli:-

- tkompli toffri għall-bejgħ residenzi taħt l-Iskema tax-*Shared Ownership*.
- tinkoraġġixxi sidien privati biex jikru proprjetà lill-Awtorità.
- tinvesti Lm 3 miljun iktar f'xiri ta' proprjetà fil-qalba ta' l-ibliet u l-irħula biex b'hekk tkun tista' tipprovdi aktar residenzi.

Dan ir-rapport jixhed l-impenn tal-Bord u l-impjegati kollha ta' l-Awtorità tad-Djar sabiex jitwettaq l-għan li jiġu pprovduti djar xierqa f'ambjent aħjar, kif jgħid tajjeb il-*mission statement* ta' l-Awtorità tad-Djar. Ta' dan nixtieq nirringrazzja lill-Membri tal-Bord u l-istaff kollu ta' l-Awtorità tad-Djar għall-ħidma tagħhom matul din is-sena.



**Marisa Micallef M.Sc (Urban Planning Policy Studies)**
Chairperson
Settembru 2005.

# Il-Ħidma

Dan ir-rapport ifisser ħidmet l-Awtorità tad-Djar bejn l-1 ta' Ottubru 2004 u 30 ta' Settembru 2005.

## Il-Bord ta' l-Awtorità tad-Djar

Il-Bord ta' l-Awtorità tad-Djar ġie kkonfermat f'Ottubru 2004 u kien kompost minn:

***Chairperson:***

Ms. Marisa Micallef M.Sc (Urban Planning Policy Studies)

***Membri:***

Ms. Ingrid Azzopardi B.A. (Hons) Acc. F.I.A., C.P.A.A
Mr. Carmel Esposito
Dr. Jean Pierre Farrugia M.D.
Dr. George Grech MIRCS (Eng.) LRCP (Lond)
Mr. Marcel Pisani
Mr. Anton Valentino B.A. (Hons) Arch A & C.E.
Ms. Sue Vella M.Sc B.A. (Hons) Pysch Dep. App. Soc. Stud.

***Segretarju/Membru:***

Dr. Ray Zammit LL.D.

Il-Bord jiltaqa' mill-inqas darba fix-xahar biex jiddiskuti, jippromwovi u jimplimenta *housing policy.*

Iċ-Chairperson kienet membru ta' bordijiet oħrajn għan-nom ta' l-Awtorità tad-Djar:

- BICC
- Kummissjoni Nazzjonali għall-Izvillupp Sostenibbli

# L-Uffiċċju taċ-Chairperson

## Politika u Riċerka

### *L-Għan ta' l-Awtorità tad-Djar*

L-Awtorità tad-Djar ħabbret l-għan tagħha: 'Djar xierqa jsaħħu l-komunitajiet u jipprovdu ambjent aħjar fejn inrabbu t-tfal tagħna'.

### *Il-*Policies *ta' l-Awtorità tad-Djar matul is-snin*

Matul is-snin l-Awtorità tad-Djar kompliet tiżviluppa l-politika tagħha, li tifforma l-bażi tax-xogħol ta' kuljum permezz tas-servizzi varji offruti biex tingħata għajnuna lin-nies differenti. Biex il-politika ta' l-Awtorità tad-Djar tkun aktar aċċessibli għall-persuni interessati, l-Uffiċċju tal-Politika u Riċerka pprepara dokument dwar dan. Dan id-dokument jiftaħ b'introduzzjoni qasira rigward il-Bażi Legali, l-Għan ta' l-Awtorità u s-sitwazzjoni prezenti ta' *housing* f'Malta. Id-dokument jiddeskrivi l-politika applikata mill-Awtorità u rrealiżżata permezz ta' skemi varji. F'dan id-dokument il-politika ta' l-Awtorità ġiet miġbura skond suġġetti ġeneriċi fosthom: Sidien tad-Djar, Kiri ta' proprjetà, Djar li ma jkunux ta' livell xieraq, aċċessibiltà kif ukoll *Energy Saving*. Fl-aħħar parti ta' dan id-dokument wieħed isib il-politika ta' l-Awtorità tad-Djar miġbura skond gruppi ta' benefiċjarji li jinkludu l-anzjani, familji bit-tfal, familji b'ġenitur wieħed, applikanti b'diżabiltà, żgħażagħ li ħarġu minn xi istituzzjoni u persuni li jakkwistaw l-ewwel residenza tagħhom.

### *Sidien ta' proprjetà li huma anzjani jew b'diżabilità u li jirrikjedu assistenza għal xogħlijiet*

L-uffiċċju tal-politika u riċerka għamel studju dwar sidien ta' proprjetà li huma anzjani jew li għandhom diżabilità, u li kienu jirrikjedu xogħol ta' adattazzjoni taħt l-iskemi Z u 7 bejn Ottubru 1999 u Novembru 2004. L-analiżi miġbura jagħtu stampa ta' l-applikanti li jirrikjedu assistenza taħt dawn l-iskemi skond l-età tagħhom, l-istat, il-kundizzjonijiet tad-dar tagħhom, il-lokalità ta' fejn jgħixu u x'tip ta' xogħlijiet kienu jirrikjedu.

Interess ieħor ta' l-Awtorità tad-Djar huwa li tgħin l-anzjani u n-nies b'diżabilità biex jgħixu ġewwa d-djar tagħhom li jkunu fi stat xieraq u fejn ikunu jistgħu jżommu d-dinjità tagħhom filwaqt li jibqgħu indipendenti bħala membri attivi fil-komunità. Iċ-Chairperson ta' l-Awtorità tad-Djar kellha laqgħat ma' banek kummerċjali biex jiġi diskuss il-kunċett ta' *equity release*. B'dan is-servizz anzjani jkunu jistgħu jissellfu mill-banek sabiex jagħmlu x-xogħlijiet neċessarji biex jirrendu r-residenza tagħhom komda għall-bzonnijiet tagħhom u b'hekk jevitaw li jiċċaqalqu f'post ieħor. Bl-għajnuna ta' dawn il-figuri miġbura, l-uffiċċju tal-politika u riċerka qed jara possibiltajiet ta' servizz ġdid li jgħin lill-anzjani u nies b'diżabilità li huma sidien ta' djar li ma humiex xierqa għalihom, biex isibu post alternattiv għall-eżiġenzi tagħhom jew biex isir utiliżżar aħjar tad-dar fejn jgħixu.

Din is-sena l-uffiċċju tal-politika u riċerka għamel ukoll analiżi ta' riċerka dwar:

- Is-sejħa ta' bejgħ numru 70
- Sussidju fuq il-kera
- Proċessar ta' applikazzjonijiet li għandhom strutturi perikolużi
- Analiżi ta' l-iskemi ta' l-Awtorità
- Analiżi ta' applikazzjonijiet pendenti mad-Dipartiment ta' l-Akkomodazzjoni Soċjali

### ➤ *Analiżi tas-sejħa ta' bejgħ numru 70*

Total ta' 145 familji bbenefikaw minn din il-ħarġa ta' bejgħ u xtraw proprjetà mingħand l-Awtorità tad-Djar bi prezz issussidjat. Informazzjoni miġbura għall-iskopijiet ta' dan ir-rapport jinkludu profili ta' dawk li bbenefikaw minn din il-ħarġa ta' bejgħ. L-analiżi ġew miġbura skond l-istat, l-età ta' l-applikanti, in-numru tat-tfal kif ukoll problemi ta' mobilità. Dan ir-rapport esplora wkoll il-kundizzjonijiet tal-postijiet fejn għexu dawn il-benefiċjarji.

### ➤ *Sussidju fuq il-kera*

Din is-sena l-Awtorità tad-Djar ġabret analiżi fuq applikanti li bbenefikaw minn sussidju fuq il-kera. Analiżi separati ġew miġbura fuq applikanti anzjani u familji bit-tfal li rċevew sussidju mingħand l-Awtorità tad-Djar għall-ħlasijiet tal-kera.

Fiż-żewġ rapporti l-analiżi ffukaw fuq l-età u l-istat ta' l-applikanti. Analiżi ġew miġbura wkoll fuq in-numru ta' tfal li indirettament ibbenefikaw mal-ġenituri tagħhom u l-lokalitajiet minn fejn dawn applikaw.

F'dawn ir-rapporti saru wkoll analiżi fuq il-mezzi finanzjarji ta' dawn il-benefiċjarji, u ġew mqabbla mal-pagamenti tal-kera tagħhom kif ukoll is-sussidju li rċevew mingħand l-Awtorità tad-Djar. Wara dawn l-analiżi l-Awtorità tad-Djar ħarġet emendi fl-iskema tas-sussidju fuq il-kera biex b'hekk tkun qed toffri assistenza aħjar lill-applikanti li għandhom bżonn sussidju fuq il-kera.

### ➤ *Proċessar ta' applikazzjonijiet li għandhom strutturi perikolużi*

Dan ir-rapport wera kif matul is-snin kien hemm titjib fil-mod kif ġew processati applikazzjonijiet li għandhom strutturi perikolużi. Il-periti kienu mogħtija struzzjonijiet biex jispezzjonaw fi żmien jumejn dawk il-postijiet li fl-applikazzjoni l-applikanti speċifikaw li għandhom struttura perikoluża. Barra minn hekk il-periti għandhom jinfurmaw lill-applikanti li x-xogħlijiet rakkomandati minnhom jistgħu jiġu magħmula.



### ➤ *Analiżi ta' l-iskemi ta' l-Awtorità tad-Djar*

Ta' kull sitt xhur, l-uffiċċju tal-politika u riċerka jagħmel analiżi fuq applikazzjonijiet riċevuti taħt l-iskemi varji. L-għan ta' dawn l-analiżi regolari huwa biex statistika u informazzjoni miġbura tiġi mqabbla ma' statistika u nformazzjoni li ġiet miġbura f'analiżi preċedenti, biex b'hekk inkunu nistgħu nagħrfu d-direzzjonijiet u x-xejriet ta' l-applikanti. Għall-iskop ta' dawn ir-rapporti l-analiżi ffukaw fuq kreazzjoni ta' profil ta' l-applikanti, il-kundizzjoni tad-dar tagħhom u l-qagħda finanzjarja tagħhom. Bis-saħħa ta' din l-informazzjoni, il-bżonnijiet ta' l-applikanti qed jiġu iċċekjati regolarment u b'hekk dan kollu jgħin fl-implimentazzjoni ta' emendi ġodda. Dawn ir-rapporti jgħinu wkoll fl-osservazzjoni ta' kambjamenti li ġew introdotti u l-mod kif l-applikanti ibbenefikaw minn dawn il-kambjamenti.

### ➤ *Analiżi ta' applikazzjonijiet pendenti mad-Dipartiment ta' l-Akkomodazzjoni Soċjali*

Għall-għan ta' dan ir-rapport analiżi ġew miġbura fuq dawk l-applikazzjonijiet li għadhom pendenti mad-Dipartiment ta' l-Akkomodazzjoni Soċjali. Informazzjoni ġiet miġbura fuq il-kundizzjonijiet ta'



abitazzjoni ta' dawn l-applikanti, kif ukoll in-numru ta' dawk li qed jirrikjedu post alternattiv għax qegħdin jgħixu fi djar bi strutturi perikolużi. Analiżi ġew ukoll miġbura fuq in-numru ta' persuni li jgħixu f'kull dar, il-mezzi finanzjarji tagħhom u l-istat ċivili tagħhom.

Analiżi separati ġew miġbura wkoll fuq dawk l-applikanti anzjani li għandhom applikazzjonijiet pendenti mad-Dipartiment. Dan għen biex jinħoloq profil ta' l-applikanti anzjani u l-ħtieġa tagħhom għal post alternattiv. Analiżi għall-iskop ta' din ir-riċerka ġew miġbura skond lokalitajiet. Dawk il-lokalitajiet b'aktar minn 50 applikant ġew analizzati f'aktar dettall. Informazzjoni ġiet miġbura fuq l-istat ta' l-applikanti f'diverzi lokalitajiet, l-età tagħhom, l-mezzi finanzjarji tagħhom u n-numru ta' tfal li b'mod indirett kienu qed jirrikjedu post alternattiv.

## Equal - Headstart

L-Awtorità tad-Djar issottomettiet applikazzjoni taħt il-proġett ta' l-EQUAL. Dan il-proġett huwa wieħed mill-proġetti li jaqa' taħt il-European Social Funds. Il-proġett li l-Awtorità tad-Djar qed tissottometti ser jiġi jiswa total ta' €263,721 u l-Awtorità ser toħroġ 25% ta' dan b'total ta' €65,930.



Dan il-programm ser joffri liż-żgħażagħ li ħargu minn xi istituzzjoni pakkett integrali li jinkludi tagħlim f'xi snajja partikolari, l-opportunità ta' xogħol f'dak il-qasam li għażlu u fl-aħħar aċċess għall-*housing* affordabbli. Dan il-proġett beda f'Jannar ta' l-2005 u s'issa ħmistax-il żagħżugħ/żagħżugħa ġew magħżula biex jipparteċipaw. Wara li dawn ġew magħżula l-Awtorità tad-Djar ħadmet flimkien mal-Korporazzjoni tax-Xogħol u Taħriġ (ETC) biex jiggwidawhom fl-għażliet tagħhom fit-taħriġ li jridu jiksbu.

Ħafna minnhom issa bdew it-taħriġ tagħhom u wara li jkunu lestew it-taħriġ, l-Awtorità tad-Djar, għal darba oħra ser taħdem b'kollaborazzjoni ma' l-ETC biex tgħin lil dawn iż-żgħażagħ isibu xogħol. Wara dan, l-Awtorità tad-Djar ser tistabilixxi flimkien maż-żgħażagħ, l-aħjar għażla ta' *housing* għalihom u tgħinhom biex jkollhom aċċess għal dan it-tip ta' *housing*.

Grazzi għal din l-inizjattiva dawn iż-żgħażagħ ser ikollhom l-opportunità li jitgħallmu xi sengħa li tagħtihom iċ-ċans li jsibu xogħol u li jkollhom aċċess għal *housing* affordabbli. Permezz ta' dan il-pakkett dawn iż-żgħażagħ qed jircievu assistenza li ser tgħinhom biex jintegraw ruħhom aħjar fis-soċjetà. L-Awtorità tad-Djar qiegħda tittama li t-tagħlim miksub minn dan il-proġett ikun jista' jservi ta' eżempju għal dawk iż-żgħażagħ kollha li jkunu ħargu minn xi istituzzjoni.

# L-Uffiċċju tal-General Manager

Matul din is-sena l-uffiċċju tal-General Manager kompla bil-ħidma tiegħu - dak li jattwa l-policy maħruġa mill-Bord ta' l-Awtorità u jilħaq ma' l-estimi li kienu proġettati għas-sena finanzjarja 2004/2005. Saru mijiet ta' laqgħat ma' applikanti jew benefiċjarji li jitolbu laqgħa mal-General Manager.

Il-ħruġ ta' garaxxijiet bl-offerta huwa importanti għall-*cash flow* ta' l-Awtorità tad-Djar għalhekk din is-sena ngħatat spinta biex jinħarġu aktar garaxxijiet għall-bejgħ u rriżulta li din is-sena l-Awtorità tad-Djar daħħlet is-somma ta' Lm 649,929 minn bejgħ ta' dawn il-garaxxijiet.

Ingħatat spinta ukoll fuq l-iskema ta' Sir Sid Darek fejn sa l-aħħar ta' din is-sena l-Awtorità tad-Djar biegħet appartamenti b'valur ta' Lm 1,335,584. Dan ma setax isir mingħajr l-isforz ta' l-impjegati kollha ta' l-Awtorità, mill-kbir saz-zgħir, fejn ir-rizultat tagħhom jidher fl-estimi aktar 'il quddiem.

Din is-sena l-Awtorità tad-Djar kompliet tissussidja xogħlijiet fuq 50 appartament mikrija mid-Dipartiment ta' l-Akkommodazzjoni Soċjali. Is-somma ta' Lm 98,348 ġiet approvata waqt li s-somma ta' Lm 75,733 ġiet mħallsa fuq xogħlijiet bħal tibjid, kmamar tal-banju, aperturi, dawl, ilma, bibien, madum eċċ. Permezz ta' din l-inizjattiva l-appartamenti tal-Gvern qegħdin jiġu dejjem *upgraded* u jinzammu f' livell tajjeb. Din is-sena l-Awtorità tad-Djar kompliet tiffinanzja kmamar tal-banju ġodda fl-apparatmenti mibnija minnha u mikrija lill-applikanti mad-Dipartiment ta' l-Akkomodazzjoni Soċjali. Ġie mħallas l-ammont ta' Lm 12,000 sabiex ġew installati 24 kamra tal-banju fil-lokalitajiet tal-Belt Valletta, Tarxien, Bormla, Msida u Kirkop.

# Sezzjonijiet ta' l-Awtorità tad-Djar

## Is-Sezzjoni tal-Customer Care u Care & Repair

Din is-sena rajna l-amalgamazzjoni tas-sezzjoni tal-Customer Care u Care & Repair. Din is-Sezzjoni ġdida hija responsabbli għall-pubbliku li ta' kuljum jiġi fl-uffiċċini ta' l-Awtorità tad-Djar sabiex jikseb informazzjoni u għajnuna kif ukoll minn skemi soċjali fi ħdan l-Awtorità.

Skemi bħal għotjiet sabiex jiġu rranġati postijiet qodma, is-servizz ta' Care & Repair u sussidju fuq il-kera privata jaqgħu taħt ir-responsabbilità ta' din is-sezzjoni. Matul din is-sena din is-sezzjoni laqgħet aktar minn 11,700 persuna, jiġifieri kwazi elf ruħ fix-xahar. L-uffiċjali ta' din is-sezzjoni joħorġu jagħmlu spezzjonijiet għand applikanti tal-Care & Repair u huwa stmat li din is-sena saru madwar 114 spezzjoni. Minn dawn, 50 ġew riferuti biex jibbenefikaw taħt din l-inizjattiva. Ġew ippubblikati 27 offerta għall-irranġar ta' dawn il-postijiet waqt li ntefqet is-somma ta' Lm 72,222 għal tali xogħlijiet.





Dawn kienu jikkonsistu fi bdil ta' strutturi perikolużi, kmamar tal-banju ġodda, aperturi, madum, sistemi ta' dawl u ilma u rranġar ieħor. Ta' min jgħid li dawn ix-xogħlijiet għenu sabiex il-klijenti tagħna jgħixu ħajja aktar komda u ta' livell kif jixraq.

Skema oħra importanti li kienet amministrata mill-assistenta personali taċ-Chairperson hija Skema 7 fejn applikanti b'diżabilità jagħmlu xogħlijiet ta' rranġar u titjib sabiex jirrendu r-residenza tagħhom adekwata għall-bżonnijiet tagħhom. Din is-sena l-Awtorità kellha nefqa ta' Lm 116,929 taħt din l-iskema.

Matul din is-sena din is-sezzjoni pproċessat dawn l-applikazzjonijiet:



It-tabella ta' hawn taħt turi kemm tat sussidju l-Awtorità tad-Djar fuq diversi skemi matul din is-sena:




## Sezzjoni Notarili

Matul din is-sena finanzjarja ġew ippubblikati 622 kuntratt li fosthom kien hemm 214-il kuntratt ta' bejgħ ta' proprjetà ta' l-Awtorità tad-Djar li jinkludu wkoll kuntratti ta' bejgħ ta' garaxxijiet kummerċjali, 154 kuntratt ta' fidi ta' ċnus, 57 kuntratt ta' emfitewsi perpetwa, 119-il kuntratt ta' bejgħ ta' proprjetà lill-terzi u 78 kuntratt ta' bejgħ ta' proprjetà mikrija mill-Gvern lill-inkwilini.

Sabiex isiru dawn il-kuntratti kollha hemm proċedura differenti għal kull tip ta' kuntratt. L-għan prinċipali tas-sezzjoni huwa li jsiru dawn il-kuntratti fi żmien raġjonevoli. Is-Sezzjoni Notarili tilħaq l-għanijiet tagħha billi tuza l-mezzi kollha ta' komunikazzjoni kif ukoll l-appoġġ tas-servizz ta' żewġ nutara ġewwa din is-sezzjoni.

## Is-Sezzjoni tar-Registry

Bħas-snin ta' qabel din is-sena kienet waħda impenjattiva għal din is-Sezzjoni li hija responsabbli għall-korrispondenza li l-Awtorità tad-Djar tirċievi kif ukoll li tibgħat lill-klijenti tagħha. Rajna zieda ta' korrispondenza li rċeviet l-Awtorità tad-Djar din is-sena b'paraġun mas-snin ta' qabel. Dan għaliex l-Awtorità tad-Djar din is-sena irċeviet 22,961 ittra jiġifieri mat-88 ittra kuljum. Min-naħa l-oħra l-Awtorità tad-Djar bagħtet 32,973 ittra. Kull ittra li tasal l-Awtorità tad-Djar tiġi reġistrata, jingħata *acknowledgment* u tiġi mgħoddija lill-uffiċjal inkarigat. Matul din is-sena kien stmat li kuljum jgħaddu madwar 495 file minn din is-Sezzjoni sabiex jintbgħatu f'diversi sezzjonijiet biex jinħadmu. Dan ifisser li kontinwament, din is-sezzjoni izzomm record ta' kull file fuq programm kompjuterizzat iddisinjat apposta għal din is-sezzjoni fi ħdan l-Awtorità.

## Sezzjoni tal-Finanzi

Il-ħidma tas-Sezzjoni tal-Finanzi tikkonsisti f'diversi taqsimiet. Minbarra milli tinzamm is-sistema kompluta tal-*accounts* (sage) fuq bazi ta' *accrual*, din is-sezzjoni tipprepara *Cash flow* u *Management Accounts* ta' kull xahar. Ix-xogħol ta' kuljum kien jikkonsisti :

- ħruġ ta' pagamenti lill-benefiċjarji tad-diversi skemi ta' l-Awtorità inkluz il-ħlas ta' kull xahrejn ta' sussidju fuq il-kera lill-inkwilini ta' postijiet privati;

- preparazzjoni tal-formoli għall-ħruġ ta' bejgħ bl-offerta ta' garaxxijiet;
- verifikazzjoni u pagamenti tal-kontijiet ta' diversi kuntratturi li jagħmlu xogħol ta' kostruzzjoni ta' appartamenti ġodda;
- ħruġ ta' garanziji a favur ta' Banek kummerċjali fuq xiri ta' proprjetà mingħand l-Awtorità ;
- Iz-zamma ta' programm ikkompjuterizzat ta' ċnus u kirjiet dovuti lill-Awtorità tad-Djar.
- Jinzamm rendikont ta' sussidji dovuti lill-Awtorità meta jsir bejgħ ta' proprejta' minn benefiċjarji lill-terzi. Ta' min jgħid li din is-sena s-sussidji miġbura minn din is-sezzjoni kien jammonta għal Lm 461,543.

### Sezzjoni ta' l-Iskemi

Is-sezzjoni ta' l-Iskemi din is-sena kellha rwol ġdid. Din is-Sezzjoni tipproċessa l-iskemi kollha ta' l-Awtorità tad-Djar li huma relatati ma' finanzi. F'din is-Sezzjoni naraw l-ipproċessar ta' l-avviżi għall-bejgħ maħruġa mill-Awtorità, l-Iskema ta' Sir Sid Darek, l-iskema ta' għajnuna lill-persuni li jixtru l-ewwel residenza tagħhom kif ukoll xi talbiet mill-benefiċjarji ta' plots tal-*home ownership*. It-tabella ta' hawn taħt turi kemm ġew proċessati applikazzjonijiet din is-sena:




It-tabella ta' hawn taħt turi kemm kienet in-nefqa soċjali ta' l-Awtorità tad-Djar għal din is-sena:



## *Sezzjoni Teknika*

Is-Sezzjoni Teknika hija impenjata fil-proċess kollu li għandu x'jaqsam mal-iżvilupp ta' fondi li eventwalment jiġu allokati bix-xiri, *shared ownership* jew kera. Dan jinkludi preparazzjoni ta' pjanti, applikazzjonijiet lill-Awtorità ta' Malta għall-Ambjent u l-Ippjanar, preparazzjoni u ħruġ ta' tenders, supervizjoni u kejl tax-xogħlijiet, kif ukoll l-għoti ta' ċwievet lill-benefiċjarji. Din is-sena tlestew mad-90 unit fosthom 30 unit fl-Imtarfa, taħt is-supervizjoni ta' periti u uffiċjali fis-Sezzjoni Teknika tal-Awtorità tad-Djar

L-iskema ta' installar ta' lifts fi blokki t'appartamenti eżistenti tal-Gvern titmexxa, fil-maġġor parti, mis-Sezzjoni Teknika. F'din l-aħħar sena tlestew 14-il lift kif ukoll 12-il lift fi blokki li nbnew ġodda. Kull wieħed minn dawn il-lifts ġew mogħtija lir-residenti permezz ta' laqgħa fejn issir dimostrazzjoni dwar l-użu tal-lift u jiġu spjegati l-obbligazzjonijiet dwar manutenzjoni.

L-Uffiċjali Tekniċi joħorġu fuq numru kbir ta' spezzjonijiet in konnessjoni mad-diversi skemi li toffri l-Awtorità tad-Djar kif ukoll fuq spezzjonijiet fid-djar fejn joqogħdu familji li japplikaw biex jingħataw postijiet bil-kera jew b'Shared Ownership'. F'kull każ, wara li ssir l-ispezzjoni, tiġi mtellgħa l-pjanta tad-dar li permezz tagħha tkun tista' tiġi evalwata kull applikazzjoni. In kwantu għall-spezzjonijiet in konnessjoni ma' skemi ta' rranġar ta' postijiet kemm privati kif ukoll tal-Gvern, dawn jaqgħu taħt ir-responsabbiltà tal-periti li jiffurmaw parti mis-Sezzjoni Teknika. F'dan il-każ issir ukoll stima tax-xogħlijiet li jkun hemm bżonn biex jirrendi l-post diċenti għall-abitazzjoni.

Is-Sezzjoni Teknika hija inkarigata wkoll li ssegwi l-progress u l-kwalità tax-xogħlijiet fi proġetti li jinbnew għall-Awtorità mid-Dipartiment tal-Bini u Tiswija ta' Djar. B'hekk l-Uffiċjali Tekniċi jiffamiljarizzaw ruħhom mal-proġetti kollha, u jkunu jistgħu jagħtu għajnuna lill-benefiċjarji fejn jirrizulta li jkollhom xi ilmenti jew diffikultajiet.

It-tabella t'hawn taħt tagħti ideja tal-volum kbir ta' spezzjonijiet li saru din l-aħħar sena mis-Sezzjoni Teknika.

| SKEMI 5, Z, 7, W | Applikazzjonijiet għall-postijiet bil-kera | Skema - Sir Sid Darek | Applikazzjoni Għall-kiri | Handover Ta' Lifts | Għoti ta' ċwievet u oħrajn |
|---|---|---|---|---|---|
| 1182 | 356 | 158 | 338 | 26 | 250 |

Inkarigu ieħor tas-Sezzjoni Teknika hu l-valutazzjoni tal-fondi kollha li jinħargu għall-bejgħ, li jingħataw b'kera jew li jinbiegħu lill-inkwilini taħt Skema Sir Sid Darek. Għaldaqstant, din l-aħħar sena inħadmu 'l fuq minn 600 valutazzjoni. Responsabilitajiet oħra li jaqgħu taħt is-Sezzjoni Teknika jinkludu preparazzjoni ta' pjanti għall-kuntratti ta' bejgħ tal-fondi wara li dawn jiġu allokati, organizazzjoni ta' wirja ta' pjanti u ritratti tal-fondi li jinħarġu għall-bejgħ, kif ukoll ġbir ta' informazzjoni fuq artijiet u binjiet li ġew amministrati mill-Awtorità tad-Djar.

# *Policies* ġodda li ħa l-Bord ta' l-Awtorità tad-Djar

Għall-Bord ta' l-Awtorità tad-Djar din is-sena kienet sena ta' ħidma kontinwa. Ġew introdotti diversi *policies* ġodda biex jgħinu lill-dawk l-aktar fil-bzonn. Din is-sena l-Awtorità tad-Djar ħabbret il-*mission statement* tagħha li jgħid is-segwenti :

*'Djar xierqa jsaħħu l-komunitajiet u jipprovdu ambjent aħjar fejn inrabbu t-tfal tagħna'.*

- ***Shared Ownership***




Għall-ewwel darba din is-sena l-Awtorità tad-Djar ħarġet total ta' 132 post fuq bazi ta' *Shared Ownership*. Taħt din l-inizzjattiva l-applikanti ghandhom l-opportunità li jixtru sehem mill-proprjetà li jkunu jifilħu jixtru. Dawk l-applikanti li ma għandhomx meżżi finanzjarji biex jixtru l-proprjetà kollha, għandhom l-opportunità li jixtru terż, jew żewġ terzi jew il-proprjetà kollha.

Kiem hemm 648 applikanti taħt din il-ħarġa li kienu mqassmin kif ġej:

| Kategorija | Interpretazzjoni | Numru ta' Applikanti |
|---|---|---|
| A | Koppji Miżżewġin<br>Single Parents (Li qatt ma kienu miżżewġin)<br>Romol bit-tfal<br>Single parents (miżżewġin u separati) | 86<br>49<br>3<br>69 |
| B | Koppji Għarajjes | 382 |
| C | Persuni waħedhom 'l fuq minn 30 sena<br>Romol mingħajr tfal 'l fuq minn 30 sena<br>Separati mingħajr tfal 'l fuq minn 30 sena | 31<br>1<br>27 |
| | **TOTAL** | **648** |

Taħt dan l-avviż l-Awtorità tad-Djar irrizervat l-appartamenti kif ġej:

60% għall-Kategorija A
30% għall-Kategorija B
10% għall-Kategorija C.
10% ta' l-appartamenti ser jibqgħu jiġu riservati lill-persuni b'diżabilità.

Kien hemm xi tibdil fuq l-għoti tal-punti fejn applikant li sofra jew qiegħed isofri minn vjolenza domestika ser jingħata 100 punt. Fl-istess ħin applikanti li għandhom xi diżabilità u li jridu jixtru appartament fil-lokal fejn għandhom xi forma ta' sapport ser jingħataw preferenza ukoll. Għarajjes li jkollhom xi tarbija għall-ewwel darba ser jingħataw preferenza billi jingħataw punti għal kull tarbija

li jkollhom. Kien hemm xi tibdil f'dan l-avviż fir-rigward tad-dħul annwu ta' l-applikanti. Għal persuna li tgħix waħedha (Kategorija C) id-dħul annwu ried jkun mhux aktar minn Lm 7,500 (qabel kien Lm 6,500) filwaqt li d-dħul annwu fil-Kategorija ta' l-għarajjes u familji bi tfal (Kategorija A u B) ried jkunu mhux aktar minn Lm 10,000 (qabel kien Lm 9,000). Kien hemm xi tibdil fl-etajiet ta' l-applikanti. L-etajiet ġew mibula kif jidher hawn taħt:

**18-il sena** għall-persuni b'diżabilità jew persuni li joħorġu minn xi istituzzjoni tat-tfal
**30 sena** għall-persuni ġuvni jew xebba mingħajr tfal
**20 sena** għall-għarajjes u familji bi tfal.

Dawn il-postijiet ser jitqassmu għall-ħabta ta' Diċembru 2005.

Blokk f'Ħal Qormi ġie allokat bis-sistema tax-*Shared Ownership* ukoll. Id-Dipartiment ta' l-Akkomodazzjoni Soċjali ġie mitlub jissottometti lista skond il-punti ta' applikanti minn fuq il-lista li kellhom bzonn appartament bi tliet kmamar tas-sodda.

L-Awtorità tad-Djar uzat il-*policy* li nofs l-appartmenti jingħataw lill-persuni mill-istess lokal, appartament wieħed lil xi persuna li kienet ġo xi residenza bħal Merħa Bik, ħames appartamenti lill-miżżewġin bit-tfal jgħixu magħhom u appartament ieħor lill-persuna b'diżabilità. L-applikanti jridu jkunu jaħdmu bi dħul ta' bejn l-Lm 4,000 u Lm 7,000 fis-sena. Sa issa saru tlett kuntratti u qegħdin isiru intervisti sabiex jiġu identifikati benefiċjarji prospettivi oħra.



*Il-Proġett ġewwa Triq Dun Ġorġ Fenech Qormi*

## • Kiri ta' proprjetà privata mill-Awtorità tad-Djar

Ghall-ewwel darba l-Awtorità tad-Djar ħarġet avviż lil sidien ta' proprjetà privata biex tħeġġiġhom joffru b'kera proprjetà vojta sabiex jinkrew lill-applikanti fuq il-lista tad-Dipartiment ta' l-Akkomodazzjoni Soċjali. Ta' min jgħid li l-Awtorità tad-Djar qiegħda fil-proċess li tiffirma ftehim ta' kirja għal għaxar snin mas-sid ta' blokka ta' 16-il appartament ġewwa l-Qawra. Permezz ta' din il-policy l-Awtorità tad-Djar ittamat li tnaqqas l-ammont ta' appartamenti jew fondi madwar Malta li huma vojta u b'hekk jiġu użati mill-ġdid.

- **Persuni b'diżabilità**

L-Awtorità tad-Djar matul din is-sena iltaqgħet ma diversi każijiet ta' persuni b'diżabilità li jiġu allokati appartamenti mingħand l-Awtorità iżda jsibu problema biex jottjenu self mill-bank peress li ma jkunux jistgħu jissottomettu polza ta' assigurazzjoni minn xi kumpanija ta' l-assigurazzjoni. Il-Bord ta' l-Awtorità tad-Djar iddeċieda li f'dawn il-każijiet, li huma rari, il-post jiġi ttrasferit lill-benefiċjarji u l-istess benefiċjarji jħallsu s-somma dovuta lill-Awtorità tad-Djar permezz ta' pagamenti mensili. Ta' min jgħid li f'dawn il-każijiet il-benefiċjarji jridu jkunu t-tnejn jaħdmu sabiex jingħataw din l-opportunità.

Policy oħra ġdida li ħa l-Bord ta' l-Awtorità tad-Djar hija li 10% ta' l-appartamenti li l-Awtorità tgħaddi lid-Dipartiment ta' l-Akkommodazzjoni Soċjali jkunu rizervati għall-persuni b'xi diżabilità. B'konsegwenza ta' dan id-Dipartiment din is-sena għamel ezerċizzju fejn ġew identifikati l-persuni li qegħdin fuq il-lista tiegħu u li għandhom xi forma ta' diżabilità.

Matul din is-sena saret emenda fi Skema 7 - Għotja lill-persuna b'diżabilità sabiex tirrendi r-residenza adekwata għad-diżabilità tagħha - fejn ġie ntrodott *means test* għall-applikanti taħt din l-iskema. Bażikament, sabiex jikkwalifikaw għall-għotja sidien ta' proprjetajiet ma jridx jkollhom assi li jeċċedu Lm 10,000 waqt li l-assi ta' inkwilini ma jeċċedux Lm 25,000. L-Awtorità tad-Djar daħħlet element ta' *means testing* taħt din l-iskema sabiex tisgura li l-għajnuna tingħata l-aktar lill-persuni verament fi bżonn.

Persuni b'diżabilità għall-ewwel darba ser jingħataw 100 punt taħt Avviż Numru 1 - *Shared Ownership* f'każ li dawn il-persuni japplikaw għall-appartament partikolari fil-viċinità tal-familjari tagħhom. Permezz ta' dan, l-applikanti li jinħtieġu sapport mill-familjari tagħhom ser jingħataw priorità fuq applikanti oħra.

- **Programm ta' bini mill-Awtorità tad-Djar**

Din is-sena l-Awtorità tad-Djar fasslet il-perċentaġġi ta' kif għandhom jinbnew l-appartamenti fil-futur. Meta ġew studjati l-bzonnijiet tal-kobor ta' l-appartamenti, il-Bord iddeċieda li l-programm tal-bini għandu jirrifletti dan:

40% tal-postijiet bi 3 kmamar tas-sodda
50% tal-postijiet b'2 kmamar tas-sodda
10% tal-postijiet b'kamra tas-sodda waħda.

L-Awtorità tad-Djar temmen li għandha tilħaq il-bzonnijiet tal-klijenti tagħha billi tipprovdi appartamenti li jirriflettu l-perċentaġġi ta' hawn fuq.

- **Dipartiment ta' l-Akkomodazzjoni Soċjali**

L-Awtorità tad-Djar għall-ewwel darba qiegħda tiffinanzja riċerki li qegħdin isiru fuq l-applikanti li jkunu fuq il-lista tad-Dipartiment ta' l-Akkomodazzjoni Soċjali.

Deċiżjoni oħra li ħa l-Bord ta' l-Awtorità tad-Djar tirrigwardja l-allokazzjonijiet ta' appartamenti mid-Dipartiment ta' l-Akkommodazzjoni Soċjali. Il-Bord iddeċieda li l-allokazzjonijiet magħmula mid-Dipartiment ta' postjiet mibnija mill-Awtorità għandhom jirriflettu dawn il-perċentaġġi:

50% tal-postijiet lill-koppji miżżewġin
25% tal-postijiet lill-persuni separati bi tfal jgħixu magħhom
25% tal-postijiet lill-ġenitur wieħed bi tfal liema ġenitur qatt ma jkun miżżewweġ

- **Skema R - Sussidju fuq il-Kirjiet privati**

Permezz ta' deċizjoni meħuda mill-Bord ta' l-Awtorità tad-Djar matul din is-sena l-Awtorità qiegħda tagħti aktar sussidju fuq il-kirjiet privati. It-tabella ta' hawn taħt turi kemm żdied is-sussidju:

| Kategorija | Dħul Annwu Totali għas-Sena Bażi Kalendarja<br>Lm | Sussidju Massimu Mħalla<br>Lm | L-Anqas Kera Mħallsa Mill-Kerrej<br>Lm |
|---|---|---|---|
| *Persuna li tgħix waħedha* | | | |
| A | 0,000 - 2,129 | 320 (220) | 70 |
| B | 2,130 - 3,429 | 280 (180) | 100 |
| C | 3,430 - 4,429 | 230 (130) | 140 |
| *Familja ta' 2 persuni (adulti)* | | | |
| A | 0,000 - 2,429 | 400 (300) | 50 |
| B | 2,430 - 3,929 | 360 (260) | 70 |
| C | 3,930 - 4,429 | 310 (210) | 90 |
| *Familja ta' 3 membri u aktar (familji bi tfal)* | | | |
| A | 0,000 - 2,629 | 415 (315) | 40 |
| B | 2,630 - 3,929 | 375 (275) | 60 |
| C | 3,930 - 4,429 | 325 (225) | 80 |
| D | 4,430 - 4,929 | 275 (175) | 80 |
| E | 4,930 - 5,429 | 225 (125) | 120 |

Il-figuri fil-*brackets* juru kemm kien is-sussidju qabel. Bażikament is-sussidju żdied b'mitt lira fis-sena.

Oltre dan ser tingħata Lm 50 addizzjonali fis-sena lill-familji li jkollhom xi membru li jkun ibati minn xi diżabilità u tingħata wkoll Lm 50 addizzjonali fis-sena lill-familji li jkunu aktar minn 5 membri. Is-sussijdu jingħata kull xahrejn u mhux kull sitta kif kien oriġinarjament fl-iskema. Dan ifisser aktar xogħol għall-impjegati ta' l-Awtorità tad-Djar fejn il-file jinqala biex isir pagament sitt darbiet fis-sena minflok darbtejn, però l-Awtorità tad-Djar ħadet din id-deċizjoni għax għarfet il-ħtieġa li tgħin aktar, b'dan il-mod, lil min għandu bzonn.

# Għajnuna lill-Organizzazzjonijiet Mhux Governattivi

Għal sena oħra l-Awtorità tad-Djar kompliet tagħti għajnuna lill-Organizzazzjonjiet mhux Governattivi. Din is-sena l-Awtorità tad-Djar għenet diversi organizzazzjonijiet bħal Dar Arka Għawdex, Nature Trust, Dar tal-Kleru u Richmond Foundation. L-għotjiet li ngħataw lill-organizzazzjonijiet kienu jammontaw hekk:

| Organizzazzjoni | Ammont ta' Għotja | L-għan tal-Għotja |
|---|---|---|
| Dar l-Arka Għawdex | Lm 1,200 | Installar ta' l-stairlift |
| Nature Trust | Lm 2,000 | Installar ta' platform lift |
| Dar tal-Kleru | Lm 1,350 | Installar ta' l-stairlift |
| Dar l-Emigranti | Lm15,000 | Irranġar ta' dar ġewwa l-Imsida li ġiet makuma minn nirien |
| Richmond Foundation | Lm 5,000 | Irranġar ta' fond ġewwa Triq Antonio Agius, Floriana |

Matul dan il-perjodu l-Awtorità tad-Djar kriet diversi units lill-NGO's biex dawn iservu bħala residenza jew post ta' taħriġ lill-nies vulnerabbli. Appartament ġewwa Sta. Venera ġie mikri lill-Appoġġ, appartament ieħor ġie mikri lill-Richmond Foundation, Maisonette ġewwa l-Mosta ġie mikri lill-Aġenzija Sappport u l-Club House ġewwa l-Imtarfa ġiet mikrija lill-Kunsill Lokali ta' l-Imtafa sabiex tintuza mill-komunità ta' l-Imtarfa stess. L-ammont ta' Lm 12,000 ġie approvat lill-Aġenzija Sapport sabiex jiġi rranġat il-maisonette tal-Mosta għall-bzonnijiet ta' żewġ persuni li jagħmlu uzu minn *wheelchair* u li ser jibdew jgħixu flimkien indipendentament.

Il-Bord ta' l-Awtorità tad-Djar ħa deċizjoni li jirrizerva d-dritt li rapprezentant mill-Awtorità tad-Djar jew mill-Ministeru tal-Familja u Solidarjetà Soċjali jkun prezenti waqt l-allokazzjoni ta' l-appartamenti mikrija minnha lill-NGOs.

### Category 1 Sheltered Housing

L-ewwel proġett ta' 'Sheltered Housing (Category 1) fil-Furjana tlesta u ġie allokat mill-Awtorità tad-Djar b'kera. Dan il-proġett sewa lill-Awtorità tad-Djar Lm 118,000. Il-kunċett intlaqa' tajjeb ħafna mill-anzjani li ġew allokati t-tmien appartamenti fil-blokka li tinsab fi triq ċentrali fil-Furjana.



*L-anzjani li ġew allokati l-appartamenti ġewwa l-Furjana*

Għaldaqstant l-Awtorità tad-Djar ħasbet biex tkompli tipprovdi aktar akkomodazzjoni ta' dan it-tip fil-qalba ta' l-ibliet. Matul din is-sena, inbeda x-xogħol fuq ir-rikostruzzjoni ta' blokk ta' tmien appartamenti fi Triq il-

Merkanti, l-Belt. Il-pjan terran ta' dan il-blokk ser ikun attrezzat bħala Day Centre li jintuża mill-anzjani tal-lokal.

Ġie identifikat ukoll blokk ieħor, li jagħmel parti mill-proġett ta' Urban Renewal fi Triq l-Argotti/ Triq l-Iljun, il-Furjana sabiex jiġi adattat bħala proġett ta' Sheltered Housing. Dan il-blokk ser jakkomoda 8 appartamenti b'kamra tas-sodda waħda, 3 b'żewġ kmamar tas-sodda u 4 studio apartments.

## Installazzjoni ta' Lifts

L-iskema għall-installazzjoni ta' lifts fi blokki eżistenti tal-Gvern reġgħet infetħet f'April ta' din is-sena wara li kienet ingħalqet sakemm saru xi revizjonijiet. Fost il-kundizzjonijiet ta' l-iskema l-ġdida insibu li, applikazzjonijiet għal lifts fi blokki li jinsabu l-Belt, il-Furjana u l-Kottonera jiġu approvati anke jekk fihom ma jgħixux persuni b'dizabilità ta' mobilita. Kundizzjoni oħra ġdida tgħid li, applikazzjonijiet minn residenti fi blokki ta' appartamenti okkupati fil-maggoranza minn sidien, jiġu milqugħa biss jekk is-sidien iħallsu s-sehem sħiħ tagħhom mill-ispiża biex jiġi installat l-lift. Is-sehem dovut minn sidien ta' appartamenti li jkollhom xi membri tal-familja b'dizabilità ta' mobilità ikun issussidjat mill-Awtorità tad-Djar b'ħamsin fil-mija.

Din l-aħħar sena tlestew u saru hand-overs ta' 14-il lift fi blokki eżistenti tal-Gvern. Dawn kienu jinkludu blokki fil-Birgu, Furjana, Gzira, Mellieħa, Paceville, Pietà, Ta' Xbiex, Tarxien u Valletta. Għaldaqstant, madwar mitt familja li jgħixu f'dawn il-blokki issa għandhom l-opportunità li jkollhom aċċessibilità aktar komda għad-dar tagħhom permezz ta' erbatax-il lift ġdid li swew Lm 263,000. Sadanittant, bħalissa għaddej xogħol fuq installar ta' numru ta' lifts fi blokki oħrajn kif ukoll xogħol fuq l-ipproċessar ta' applikazzjonijiet ġodda u tħejjija ta' pjanti u tenders għall-installazzjoni ta' lifts matul is-sena d-dieħla.

L-Awtorità tad-Djar ħadet l-inkarigu li, kemm hu possibbli, tipprovdi aċċessibilità għall-kulħadd fil-bini tagħha. Għaldaqstant qed jiġu installati lifts ukoll fil-blokki ta' appartamenti li jinbnew ġodda. Din l-aħħar sena, tlestew 15-il lift li jiswew medja ta' Lm10,000 kull wieħed, filwaqt li inbeda xogħol fuq l-installazzjoni ta' lifts f'35 blokk ġdid ieħor.

# Programm ta' Bini

## Proġetti ta' Bini



L-Awtorità tad-Djar kompliet bil-programm ta' żvilupp ta' appartamenti u maisonettes li eventwalment jitqassmu skond il-policies kurrenti.

Din is-sena, permezz ta' tenders ippreparati direttament mill-Awtorità tad-Djar, inbeda xogħol ta' kostruzzjoni fuq numru ta' proġetti ġodda li jinkludu b'kollox 44 appartament u 11-il maisonette. Sadanittant tlesta il-proġett ta' 31 appartament fi Triq Mannarino, B'Kara, tlestew 30 appartament u maisonette fl-Imtarfa kif ukoll diversi proġetti żgħar f'lokalitajiet oħra. Is-Sezzjoni Teknika kompliet bil-preparazzjoni ta' disinji għall-iżvilupp ta' artijiet li għaddew għand l-Awtorità tad-Djar mill-Uffiċċju Konġunt. Matul din is-sena inħarġu l-permessi tal-bini għal 33 appartament waqt li qed jiġu pproċessati l-applikazzjonijiet għal 150 post ieħor fosthom proġett ta' 138 appartamenti f'Pembroke. Tkompla wkoll xogħol ieħor fuq disinn ta' diversi proġetti ġodda li ser jinbnew fuq artijiet li għandhom jiġu ttrasferiti apposta mill-Uffiċċju Konġunt bl-iskop ewlieni li jiġu żviluppati fi blokki residenzjali li eventwalment jitqassmu bis-sistema ta' *Shared Ownership* jew bil-kera.

L-Awtorità tad-Djar tiffinanzja numru ta' proġetti oħra li jinbnew bil-kollaborazzjoni u l-għajnuna teknika tad-Dipartment tal-Bini u Tiswisja tad-Djar. Din is-sena kienu finalizzati proġetti fil-lokalitajiet ta' Pembroke, Burmarrad u l-Qawra li nħarġu għall-bejgħ bis-sistema ta' '*Shared Ownership*' għall-ewwel darba. Tlestiet ukoll it-tielet fazi tal-proġett ta' l-Urban Renewal fl-Imsida fejn inbnew 61 appartamenti li ser jinkrew lill-evictees mill-istess lokalità u lill-applikanti mad-Dipartiment għall-Akkomodazzjoni Soċjali. Proġett ieħor li qiegħed fil-fażi finali ta' tlestija, jikkonsisti fi 30 appartament f'Birzebbugia, li ser jingħataw b'kera fi żmien qasir. Apparti dawn, qed jitkompla x-xogħol fuq il-kostruzzjoni ta' proġett ta' 51 unit f'Bormla u ieħor ta' 24 unit fil-Furjana. Taħt l-awtorizzazzjoni tal-Awtorità tad-Djar, din is-sena, id-Dipartiment għall-Bini u Tiswija ta' Djar ħareġ numru ta' tenders għall-proġetti ġodda li jinkorporaw mal-270 unit.

## Proġetti ta' Urban Renewal

Ix-xogħol ta' kostruzzjoni fuq proġetti ta' Urban Renewal ħa spinta din l-aħħar sena, bit-tlestija tat-tielet fazi tal-proġett fl-Imsida fejn inbnew 61 appartament li bdew jiġu allokati. Tlesta wkoll il-proġett ta' 31 post f'Mannarino Road, Birkirkara, fejn permezz ta' culvert kbir li ġie inkorporat mal-proġett, irnexxielna nsolvu l-problema tal-għargħar li kienu jiffaċċjaw ir-



*Il-proġett ġewwa Triq l-Iljun Floriana*

residenti ta' l-inħawi. F'Bormla kompla għaddej ix-xogħol fuq it-tieni fażi tal-proġett fi Triq San Gwann li jikkonsisti f'49 appartament u 27 garaxx u fuq blokk żgħir ta' 6 units fi Triq Erin Serracino Inglott.

Proġett ieħor importanti ta' Urban Renewal huwa dak li jinsab fi Triq Argotti/Triq l-Iljun il-Furjana. Minkejja d-dewmien li nħoloq minħabba problemi ta' natura strutturali, ix-xogħol ta' kostruzzjoni seta' jitkompla u mistenni li jilħaq progress sodisfaċenti fix-xhur li ġejjin.

Ta' min isemmi wkoll li l-Awtorità tad-Djar addattat xi proġetti ta' Urban Renewal, bħall-blokk fi Triq il-Kapuċċini, Furjana u ieħor fi Triq il-Merkanti, il-Belt sabiex iservu bħala *Sheltered Housing Category One* għall-anzjani.


*Il-proġett ta' l-Imsida*

In-nefqa fuq il-bini ta' proġetti ta' Urban Renewal matul din l-aħħar sena kienet ta' Lm 1,042,675. Ta' min isemmi li, fi proġetti bħal dawn, minħabba spejjeż ta' akkwist u ta' twaqqiegħ ta' bini eżistenti, kull appartament jiswa lill-Awtorità tad-Djar madwar 90% aktar minn appartament ta' l-istess daqs ġo blokk ġdid. Minkejja dan, l-Awtorità tad-Djar qed tkompli bil-proġramm ta' Urban Renewal li jinkludi fazi erbgħa u ħamsa tal-proġett fl-Imsida u t-tieni fazi tal-proġett fi Triq Santa Liena Bormla, kif ukoll r-riabilitazzjoni ta' diversi postijiet vakanti u substandard li jiġu trasferiti mill-Uffiċċju Konġunt.